V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8560 — HAPM/Magna/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 230/07)

1. Fl-10 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] li permezz tagħha Hubei Aviation Precision Machinery Co., Ltd (iċ-Ċina) ("HAPM") li hija ultimament ikkontrollata minn Aviation Industry Corporation of China, Beijing (iċ-Ċina) ("AVIC"), u Magna International Inc. (il-Kanada) ("Magna") jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' HAPM MAGNA Seating Systems Co., Ltd, (iċ-Ċina) (il-"JV") permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— HAPM: il-provvista ta' mekkaniżmu tas-seats u komponenti tal-istruttura;

— Magna: il-provvista ta' firxa wiesgħa ta' komponenti awtomotivi, inklużi il-body tal-karozzi, ix-xażi, il-partijiet esterni, is-seats, il-is-sistema tal-motopropulsjoni, l-assistenza attiva lis-sewwieq, il-viżta, is-sistemi tal-għeluq u tas-soqfa, kif ukoll l-inġinerija u l-manifattura kkuntrattata tal-vetturi.

— JV: se tkun attiva fil-manifattura u l-bejgħ ta' komponenti għas-seats tal-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief (l-istrutturi tas-seats u l-mekkaniżmi tas-seats) għas-suq Ċiniż. Il-joint venture se tkun attiva esklużivament fiċ-Ċina u tista' tespandi f'pajjiżi Asjatiċi oħra fil-futur. Il-Partijiet ma pprevedewx xi espansjoni tal-attività tan-negozju tal-joint venture fiż-ŻEE.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bir-referenza M.8560 — HAPM/Magna/JV fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

---

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.